MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 481/2006

**Go Plc (C22334)**
**vs**
**Schembri Barbros Limited (C9577)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elf disgha u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1049.62) (ekwivalenti ghal LM450.60) in kwantu ghal €1031.19 ammont dovut in konnessjoni ma hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici f'Ghajn Zejtuna, Santa Marija Estate, Mellieha f'Mejju 2005 u dan skond fattura bin-numru MC00709 datata 18 ta' Novembru, 2005 u ghal €18.63 in konnessjoni ma ittra ufficjali bin-numru 532/06 mahruga fil-Qorti tal-Magistrati Malta bid-data tat-30 ta' Jannar, 2006 debitament notifikata (GT3/2005/21.) Illi nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk

kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant, permezz ta’ din l-istanza s-socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex:
1) jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli tal-hsarat minnha kkawzati;
2) jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont kif mitlub, inkluz l-ispejjez u tal-imghaxijiet legali dekorrendo mis-16 ta’ Mejju, 2005.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta Schembri Barbros Ltd fejn gie sollevat illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, s-socjeta’ eccipjenti ma tahti xejn ghad-danni nkorsi mis-socjeta’ attrici, liema danni gew effettivament kagunati esklussivament minhabba n-negligenza u t-traskuragni tal-impjegati taghha stess.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici xorta wahda trid tipprova li hija nkorriet danni fl-ammont mitluba minnha.

L-Ispejjez ta’ dawna l-proceduri ghandhom jigu ssopertati mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda u ra l-affidavit ta’ Dr Keith Grech, Spettur Therese Sciberras, Victor Busuttil, Vincent Camilleri, Alice Zammit, Lawrence Borg, Paul Aquilina, Anton Schembri, Jesmond Caruana, Jospeh Scicluna, Alexander Scicluna, u Carmelo Schembri.

Ra x-xhieda dokumentali kollha fl-Atti tal-kawza.

Ra n-Noti ta’ sottomisjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar hsarat infrastrutturali ikkagunati lis-socjeta’ attrici allegatament mis-socjeta’ konvenuta, waqt xoghlijiet f’Ghajn Zejtuna, Santa Marija

Estate, Mellieha f'Mejju 2005, liema hsarat gew michuda mill-konvenuti.

Illi skond rapport tal-Pulizija jidher lli impjegat mal-Maltacom PLC (llum Go Plc,) Vincent Camilleri kien irrapporta hsara li ggarbet *f'cable'* tas-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta waqt lli dawn kienu qieghdin ihaffru trinka ghal-Water Services Corporation. Dan ir-rapport sar jumejn wara l-incident. Camilleri stqarr fir-rapport illi Joseph Scicluna, impjegat tas-socjeta' konvenuta li kien qed ihaffer qallu lli huwa kien qed ihaffer skond struzzjonijet tal-imghallem tieghu u laqghat il-*cable* tal-Maltacom Plc li ma kienx immarkat fit-triq u wara li laqtghu huwa informa lill-tal-Maltacom.

Illi fix-xhieda tas-socjeta' attrici jinghad illi s-socjeta' konvenuta kienet taf bl-esistenza ta' infrastruttura sotterranja u jirrizulta lli Lawrence Borg impjegat tas-socjeta' attrici xehed fl-*affidavit* illi huwa kien 'immarka l-*cables* tas-socjeta' attrici li kienu jinsabu fi Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha,' u in *kontro ezami* qal illi huwa mmarka l-presenza tal-cables fis-sit in kwistjoni u cahad illi huwa qal illi dawn il-*cables* ma kienux jidhru fil-pjanta tas-socjeta' attrici. Huwa jiftakar illi kien immarkahom izda meta mar xi tlett ijiem wara li nqalghet il-kwistjoni, il-parti fejn kien immarka kienet maqlugha.

Fix-xhieda tas-socjeta' konvenuta intqal illi huma kienu avzaw l-entitajiet kollha dwar it-tqattigh ta' trinka u kienu gharrfu ukoll lis-socjeta' attrici sabiex jibghatu lil xi hadd sabiex jimmarka 'in situ' fejn kienu ghaddejjin xi cables jekk ikun il-kaz. Fl-affidavit ta' Anton Schembri, Manager mas-socjeta' konvenuta qal illi meta gie rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex jimmarka l-posizzjoni tat-trinek taghhom qalilhom illi f'dik il-parti li sar l-incident ma kienx hemm 'cables' tal-Maltacom, in fatti kienu mmarkaw post iehor. Anton Schembri zied jghid illi huma kienu sorpizi 'lli laqtghu cable tas-socjeta' attrici f'lok li ma kienx indikat ilhom.

Fix-xhieda ta' Jesmond Caruana li huwa lavrant mas-socjeta' konvenuta qal illi dak inhar tax-xoghlijiet huma

qattghu biss fejn kien immarkat. Zied jghid illi meta gie l-'*attendant*' kien qalilhom illi dak il-*cable* partikolari l-anqas kien biss immarkat fuq il-pjanta tieghu.

Fix-xhieda tal-*machine operator* tas-socjeta konvenuta, ix-xhud Joseph Scicluna qal illi huwa kien haffer bil-'mechanical excavator' u l-*cable* 'attendant' tal-Maltacom ma kienx immarka fejn kienu qed jahdmu huma. Qal ukoll illi meta laqghtu il-cable waqfu minnufih u informa lil Anton Schembri li jiehu hsieb ix-xoghlijiet ta' din il-kumpanija. Wara xi ftit '*l-cable attendant*' gie lura u qalilhom li ma kienx jaf b'dan il-'*cable'* u fil-fatt ma kienx immarkah. Xhud iehor tas-socjeta konvenuta, Alexander Scicluna, '*machine operator*' iehor li kien fil-post tal-incident, ikkonferma l-verzjona tax-xhieda l-ohra. Carmelo Schembri, direttur tas-socjeta konvenuta, ikkonferma l-verzjoni tal-impjegati tieghu, u zied jghid illi dan il-cable mhux biss ma kienx immarkat izda normalment ikun ghaddej minn gewwa katusa tal-plastik jew immarkat b'warning tape' u dawn kienu kollha neqsin meta kienu qieghdin ihaffru u b'hekk ukoll ma setghux jindunaw illi kienu ha jolqtu cable. It-Tribunal jirrileva lli s-socjeta' konvenuta l-anqas hadet hsieb li taghmel 'pilot holes' qabel ma bdiet tahffer i-trinek fl-inhawi ta' fejn kellhom ihaffru.

F'xhieda sussegwenti rrizulta lli s-socjeta' konvenuta ghalkemm kienet uzat *'location tracking detectors'* ma kienetx intebhet illi kien hemm xi '*cables'* taht fejn kienu qed ihaffru izda huma baqghu jsostnu lli huma hafru fejn ma kienx hemm indikati *cables*. Irrizulta ukoll illi fejn intlaqtu dawn il-'*cables'* kien hemm kaxxa tal-Maltacom PLc izda s-socjeta' konvenuta qalet illi ghalkemm ikun hemm kaxxa dan ma jfissirx illi huma jkunu jafu f'liema direzzjoni qieghdin il-'*cables'*.

It-Tribunal jirrileva lli '*a tempo vergine'* Vincent Micallef, impjegat mas-socjeta' attrici fir-rapport tal-Pulizija li kien ghamel jumejn wara l-incident, kien nizzel illi Joseph Scicluna, impjegat mas-socjeta' konvenuta , kien qal illi *'Jiena kont iqieghed inqatta' t-triq fuq istruzzjonijiet tal-Imghallem tieghi. Il-cable ma kienx immarkat u wara li*

*'lqattghu nfurmajt lil tal- Maltacom.'* Fir-rapport tal-Pulizija m'hemmx indikat minn Camilleri 'lli t-triq fejn qattghu kienet fil-fatt immarkata minn nies  tal-Maltacom. Jidher ukoll illi fl-affidavit ta' Camilleri, ma kienx semma l-kliem li tnizzlu fir-rapport tal-Pulizija dwar x'kien qal Joseph Scicluna  wara l-incident. Huwa fl-affidavit tieghu jghid biss illi l-hsara kienet ikkawzata mis-socjeta' konvenuta .

Ili fil-kawza odjerna jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet koperta bil-permessi kollha u kienu hadu l-mizuri kollha sabiex il-'*cables'* fejn kienu mmarkati mill-impjegati tas-socjeta attrici, ma jkunux dannegati. It-Tribunal jirrilleva llli skond dokumenti ezibiti mis-socjeta' attrici dwar kundizzjonijiet ta' permessi,  s-Socjeta' konvenuta ma haditx  certi mizuri li  normalment huma rikjesti f'tali cirkostanzi. Skond ix-xhieda  tas-socjeta' konvenuta, fil-lok fejn gie danneggjat il-'*cable'* ma kellhiex ghalfejn taghmel 'pilot holes'  peress illi ma kienx hemm marki fi triq indikati mis-socjeta' attrici. Is-socjeta' konevuta ghamlet uzu biss minn '*tracking location detector'* li ma kienx qabad ebda infrastruttura fl-inhawi.

It-Tribunal jirilleva 'lli s-socjeta' konvenuta kienet hadet prekawzjoni bit-'*tracking location detector*' izda dehrilha lli ma kellhiex ghalfejn taghmel 'pilot holes.' 'It-tracking location detector' kien qabad servizzi ohra fl-inhawi izda mhux tas-socjeta' attrici. It-Tribunal jirrilleva 'lli skond il-kundizzjonijiet generali tal-permess ghall-iskavar, *'it-tracking location detector'* m'huwiex prova konklussiva 'lli ma hemmx infrastruttura taht l-art u jista' ma jimmarkax '*cables*' li jinsabu taht certu livelli ta' triq. Fil-fatt  irrizulta lli ghalkemm  gie ntuzat dan it-'*tracking location detecto'r* dan il-makkinarju ma rrilleva ebda infrastruttura. It-tribunal jifhem illi l-insistenza 'da parti' mis-socjeta' attrici li jsiru 'pilot holes' fl-inhawi ta' fejn ha jkunu ser ihaffru  huma gustifikati sabiex jigu evitati hsarat.

Dwar l-immarkar fit-triq, ix-xhieda tas-socjeta konvenuta hija konsistenti sa mill-bidu. Huma dejjem sostnew illi ma kien hemm ebda mmarkar fejn kellhom jiskavaw. Di fatti huma jghidu 'lli ma kellhomx bzonn jaghmlu 'pilot holes'

fil-post fejn gie milqut il-cable, peress illi l-post ma kellu l-ebda marki.

It-Tribunal jirrileva lli trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, ikkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u testendi l-indagini tieghhu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Fil-fehema tat-Tribunal din il-kawza ghandha tigi bbazata fuq l-evidenza migjuba quddiemu u l-kredibilita' tax-xhieda.

It-Tribunal ghandu quddiemu kaz fejn is-socjeta' attrici sfat vittma ta' hsarat u ghalhekk it-Tribunal irid jinvestiga l-kaz sabiex jara min kienet il-persuna li kkontribwiet ghal dawn il-hsarat. Huwa fatt kkonstatat illi l-vittma tal-hsarat kienet is-socjeta' attrici izda jista' jkun il-kaz illi jezistu fatturi kontributorji miz-zewg partijiet.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-impjegat tas-socjeta' attrici ma kienx immarka il-post fejn il-*cable* kien milqut. Illi *a tempo vergine* Vincent Camilleri fl-istqarrija tal-Pulizija kien semma' lli Joseph Scicluna, il-bniedem li kien qed juza il-makkinarju tal-iskavar fil-post, kien qallu lli l-post ma kienx immarkat. Izda l-istess xhud nesa' jssemija fl-'*affidavit'* tieghu. Fl-istess stqarrija Camilleri ma qalx illi rrizultalu lli l-post kien gie immarkat mill-impjegati tas-socjeta' attrici.

Fil-fehma tat-Tribunal ir-ritratti tal-immarkar tal-post fejn kellu jsir it-thaffir, m'humiex provi konklussivi ta' fejn fil-fatt gie skavat. Huma biss ritratti ta' vleggeg fi triq.

Illi dwar l-immarkar it-Tribunal jirrilleva lli x-xhieda tas-socjeta' konvenuta kienet konsistenti u ha jiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni sabiex jasal ghal evalwazzjoni gusta u ekwa tal-kaz.

Illi dwar il-kwantum jidher illi ma hemmx kontestazzjoni minn naha tas-socjeta' konvenuta .

Illi skond il-kundizzjonjiet fil-permess tal-iskavar jinghad illi kuntrattur ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jaccerta ruhu lli l-infrastruttura ta' taht l-art ma jigriliex hsara. Il-Prekawzjonijet li ghandhom jiehdu kuntratturi normalment huma bi '*track location detectors'* u kif ukoll billi jaghmlu '*pilot holes'* fl-inhawi ta' fejn ha jkunu ha jiskavaw. Il-kundizzjonijiet jindikaw in oltre illi it-tip ta' '*cables'* li jappartjenu lis-socjeta' attrici ma jkunux jistghu jigu necessarjament *'track located' bid-'detector'* jekk il-cables ikunu taht certi livelli. Ghalhekk ghandhom jiehdu aktar prekawzjonijiet.

Il-kundizzjonijiet jghidu ukoll illi jekk is-socjeta' attrici jidhrilha xieraq skond il-kaz, ghandha tibghat 'overseer' fuq il-post li jkun qieghed hemm fil-hin kollu tal-iskvavar. Haga li ma gratx fil-kaz odjern. Jidher illi skond il-kundizzjonijiet tal-permess dan kellu jkun il-kaz peress illi l-'*cables*' in kwistjoni kien 'in excess of 200 pairs.' Dawn il-cables effetivament kienu ta' ' 400 pairs.' Skond ix-xhieda jidher illi l-impjegat tas-socjeta' konvenuta kemm mar jimmarka t-triq u ma baqghax fil-post. Dan johrog car mix-xhieda dokumentali. Johrog car ukoll illi s-socjeta' konvenuta ghamlet uzu mit-'*tracking location detector'* izda m'ghamlitx '*pilot holes'* fiz-zona fejn kienet ha tiskava. Is-socjeta' konvenuta tghid illi il-*pilot holes*' ma sarux peress ili fejn kienu ha jiskavaw kienet in-naha l-ohra tat-triq u huma kienu qed iqattghu taht il-bankina. Mix-xhieda johrog car illi fl-inhawi qrib ta' fejn gie milqut il-cable kien hemm '*manhole'* appartenenti s-socjeta' attrici. Dan il-*manhole* huwa indikattiv ta' presenza ta' xi infrastruttura taht l-art ghalkemm mhux necessarjament immarkata fit-triq.

It-Tribunal huwa konvint illi wara li sema' l-provi prodotti quddiemu huwa jista' jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa li meta sar it-thaffir fil-post mis-socjeta' konvenuta ma kien hemm ebda marki jew sinjali maghmula mill-impjegati tas-socjeta' attrici. Izda fic-cirkostanzi tal-kaz jidher illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet segwiet ix-xoghlijiet rikjesti minnha bil-permessi necessarji u skond l-istruzzjonijiet tas-socjeta' attrici, fil-fehma tat-Tribunal ma

kienetx hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesta minnha kemm skond il-ligi kif ukoll skond il-kundizzjonijiet generali mehmuza mall-permessi tal-iskavar. Illi huwa minnu lli s-socjeta' konvenuta ezegwiet ix-xoghol bil-permessi necessarji. Illi il-post fejn gie milqut il-*cable* ma kienx immarkat b'sinjali, bil-konsegwenza li meta s-socjeta' konvenuta skavat dik il-parti tat-triq huma laqtghu '*cable'* li ma kienx indikat. Izda t-Tribunal huwa tal-fehma lli is-socjeta' konvenuta kellha tkun taf bil-presenza ta' infrastruttura fl-inhawi meta raw li kien hemm '*manhole'* vicin fejn kienu ha jhaffru. Dan ifisser illi huma kienu fid-dover illi meta gew sabiex jiskavaw kellhom jiehdu l-prekawzjonijiet kollha inkluzi dawk li jaghmlu '*pilot holes'* haga li ma ghamlux ghaliex dehrilhom illi ma kellhomx ghalfejn. Ghazlu li juzaw '*track location detector'* li ma kienx ta '*reading'* posittiv. Ghalkemm il-qari ma kienx posittiv, dan ma kellux jitqies bhala prova konklussiva lli ma kienx hemm xi infrastruttura taht l-art. Il-kuntrattur li kif qal huwa stess ghandu erbghin sena esperjenza kellu juri aktar prudenza meta kien qed jiskava vicin '*manholes'* li normalment huma ndikazzjoni ta' xi tip ta' infrastruttura fl-inhawi. Il-permesi mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport jindikaw illi l-immarkar b'sinjali mill-entitajiet m'huwiex garanzija ta' presenza preciza ta' infrastrutura ezistenti taht l-art. Dan ifisser lli l-kuntratturi ghandhom jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jigu evitati hsarat. Fil-fehma tat-Tribunal, il-*'pilot holes'* ghandhom jsiru flimkien mall-uzu *ta' 'tracking location detector'* bhala prekawzjoni.

Ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu 'lli l-proceduri skond il-permessi ma gewx osservati miz-zewg partijiet. Illi ghalkemm huwa konvint lli l-'*markings'* ma sarux kif kellhom isiru fil-post tal-iskavar mis-socjeta' attrici u ghalkemm is-socjeta' attrici naqset illi tibghat '*overseer'* fil-post waqt l-iskavar meta l-'*cables'* li kienu qeghdin jigu skavati kienu 'l fuq minn '*200 pair'* u skond il-kundizzjonijiet generali kellu jkun hemm '*oversee'r* waqt l-iskavar, is-socjeta' konvenuta ghandha dejjem ir-responsabbilita' li tagixxi bil-prudenza mehtiega skond is-sengha u skond il-kundizzjonijiet imposti lilha. Din hija haga li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel meta

ma hafritx il-‘*pilot holes’* rikjesti u qaghdet biss fuq ir-‘*readings tat-tracking location detector’,* meta l-istess skavar kien qieghed isir vicin ‘*manhole’*, u dan jinghad fil-kuntest illi  l-esistenza ‘*per se’* tal-istess ‘*manhole’* ma taghtix indikazzjjoni ta’ minn fejn ikun ghaddej ‘*cable’*.

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta rrilevat illi il-‘*Conditions for Granting of Excavation Permits to Contractors, Utilities, Companies or Individiuals* ‘(Dok.KG4) ma giex iffirmat mis-socjeta’ konvenuta, it-Tribunal jinnota li l-istess kundizzjonijiet huma mnizzla fil-Permess mahrug lis-socjeta’ konvenuta mill-Awtorita Dwar it-Trasport Numu 140/2005 (Dok KG5).

It-Tribunal jidhirlu ’lli kien hemm nuqqas ta’ prudenza u traskuragni minn naha tat-tnejn.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi  jilqa’ t-talbiet attrici in parte billi jattribwixxi l-htija tal-hsarat liz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ hames mija erba’ u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (€524.80).

Spejjez tal-kawza a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------